MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 377/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Charlie Sultana bin Louis u Pauline nee' Muscat imwieled fis-07 ta' Marzu 1996 u residenti fil-fond numru 106, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 48686(M)**

U

**Joseph Sultana bin Louis u Pauline nee' Muscat imwieled fit-08 ta' Mejju 1970 u residenti fil-fond numru 107, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 58586(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Charlie u Joseph Sultana li gew akkuzati talli nhar is-26 ta' Gunju 2008 u fil-jiem ta' qabel fi Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, minghajr il-hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom fixklu lil Andrew u Maria Xuereb mix-Xaghra, Ghawdex billi ingumbraw passagg li jaghti ghall-eghlieqi li hemm fl-inhawi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwerelanti Andrew u Maria Xuereb qed jikkontendu illi l-imputati li jigu hut Maria Xuereb, qeghdin jingumbraw passagg minn fejn huma ghandhom dritt ighaddu ghall-proprjeta taghhom u dana permezz ta' vetturi u skart iehor. Illi l-imputati minn naha taghhom jikkontendu illi Xuereb ma ghandhom l-ebda dritt li jghaddu minn dana l-passagg u li l-unici persuni li ghandhom dritt ighaddu huma l-Perit Saviour Micallef u Martino Attard li xtraw il-proprjeta minn ghandhom.

Illi l-kwerelanti esebiet zewg kuntratti wiehed fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani datat l-4 ta' Mejju 1994 u iehor ukoll fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani datat l-1 ta' Marzu 1996. Minn dawn iz-zewg kuntratti jirrizulta indubbjament illi fl-isqaq in kwistjoni jezisti dritt ta' passagg. Dana d-dritt ta' passagg huwa ghar-raba retrostanti l-parti immarkata bhala footpath fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-1994 Dokument MX1. Jidher illi dina r-raba llum tinsab f'idejn il-Perit Saviour Micallef, Martinu Attard kif ukoll hemm bicca raba li tinsab f'idejn il-

kwerelanti u li tidher mill-pjanti esebiti li hija interkjuza. Dina l-bicca raba hija mmarkata bl-ittra G fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt esebit bhala Dokument MX2. Il-kwerelanti jsostnu illi huma kienu dejjem ighaddu minn dana l-passagg u kwindi fid-dawl tal-provi dokumentali dina l-asserzjoni taghhom ghandha titwemmen.

Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' *ragion fattasi*, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:
"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u
(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123)."

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputati arbitrarjament biddlu dana l-istat ta' fatt minghajr il-kunsens tal-kwerelanti billi imblukkaw dana l-passagg permezz ta' vetturi u skart goff iehor b'tali mod illi l-kwerelanti ma tistax tghaddi iktar mill-imsemmi passagg. Illi l-imputati jghidu illi ghamlu dana bil-permess tal-Perit Saviour Micallef, u ghalhekk hasbu illi setghu jaghmlu dak li jridu fil-passagg minghajr ma qiesu d-drittijiet ta' ohthom. Dana jidher car mir-ritratti li gew esebiti fl-atti. Kwindi l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom multa kull wiehed ta' €200.

Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputati sabiex inehhu kull inkonvenjent li permezz tieghu qed jigi zgumbrat l-imsemmi passagg u dana fi zmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------